*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 32 – 25 ta' Ġunju 2026**

***Minuti tat-tnejn u tletin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-25 ta' Ġunju 2026 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 32. Il-laqgħa bdiet fis-6:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

32.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew preżentati il-minuti ta' laqgħa 30 u 31. Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Attard, sekondata mill-Viċi Sindku Joseph Agius. Kien hemm qbil unanimu li dawn il-minuti jkunu approvati.

32.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku Steve Zammit Lupi spjega li mhux kuntent bis-servizz tal-ġbir tal-iskart li huwa f'idejn ir-Reġjun. Il-kuntrattur huwa ERS li għandu bħala sub-contractor lil Antoine Bartolo. Is-Sindku spjega l-boroż ma jinġabrux ripetutament u kull ilment ikun ikkomunikat fic-chat mal-kuntrattur u mar-reġjun dwar dawn in-nuqqasijiet.

  Fuq proposta li saret mis-Sindku Steve Zammit Lupi, sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikteb li r-Reġjun fejn jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar dawn l-ilmenti u n-nuqqas ta' azzjoni mmedjata. Is-Sindku saħaq jgħid li min-naħa tal-Kunsill qed issir pressjoni mar-Reġjun biex dawn in-nuqqasijiet jitranġaw.

- Dwar it-tabelli li saru fit-Triq tal-Gianpula, is-Sindku spjega il-one way hija attiva bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd matul is-sajf u ma kienx hemm tgergir dwar meta kien spjegat il-mottiv wara din id-deċiżjoni.

- Dwar toroq li jeħtieġu uċuh ġodda kif ukoll servizzi infrastrutturali, is-Sindku informa lil IM bil-lista ta' toroq f'ordni ta' preferenza:

  1. Il-junction ta' Triq Giovanni Pullicino u Triq Mikiel Ang Sapiano
  2. Triq tal-Grazzja u Triq il-Kbira
  3. Triq Vincenzo Adrario, Triq il-Kataniż u Triq Sant Antnin
  4. Triq Santa Marija
  5. Misrah l-Isptar u Triq Sant Antnin
  6. Triq is-Siġġiewi

32.3 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2025

Il-Kunsill waqa fi stadju ta' kumitat sabiex l-awditur jispjega l-aġġustamenti li kienu ser isiru lil Financial Accounts tat-2025. Dawn l-istess aġġustamenti kienu ċċirkolati minn qabel mal-Kunsilliera. Wara l-ispjegazzjoni, il-laqgħa tal-kunsill tkompliet. Is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li dawn l-aġġustamenti jkunu approvati. Hu kien sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius. Kien hemm qbil unanimu li dawn l-aġġustamenti jkunu approvati.

32.4 Permessi għall-One Time Event

Xi stabillimenti kienu nteressati li jarmaw big screens fil-pjazza u fi Triq Sciortino għall-logħob tal-World Cup. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li permess jingħata biss għal-finali u li t-traffiku ma jkunx affetwat

32.5 Ġemelaġġ m' Aġira

Is-Sindku Steve Zammit Lupi fakkar li fit-12 t' Awissu 2026 ser tkun iċċelebrata il-festa ta' San filep ġewwa Aġira. Jidher li għall-festa ser ikunu preżenti is-Sindku u l-Viċi-Sindku li ser jirrappreżentaw lil Ħaż-Żebbuġ.

32.6 Vot tal-Flus

Il-vot tal-flus kien iċċirkolat minn qabel. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi, sekondata mill-Viċi Sindku Joseph Agius, kien hemm qbil unanimu u dawn il-pagamenti kienu approvati.

32.7 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fit-8:25pm.

**Steve Zammit Lupi** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

,